

II-Ġimgħa Ewropea

taż-Żgħażaġħ

24 ta' April - 1 ta' Mejju 2026

Sett ta' għodod tal-partijiet interessati

Werrej

Dwar dan is-sett ta' għodod	
Kif tużaha?	
II-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026: Dak kollox li għandek tkun taf!	
X'inh i l-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ?	
L-għanijiet tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026	
It-tema, is-slogan u l-pilastri tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026	
L-organizzaturi tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026	
Min hija l-udjenza fil-mira għall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026?	
L-udjenza sekondarja: il-partijiet interessanti rilevanti	
X'inh u r-rwol tal-partijiet interessati?	
Messaġġi ewlenin: kif tikkomunika dwar l-EYW2026?	
Fażijiet tal-kampanji u stadji ewlenin	
Messaġġjar tal-Kampanja skont il-Fażi	
Kif tista' tinvolvi ruġhek?	

3	X'se jkunu l-formati tal-attività?	14
3	Attivitajiet fuq livelli lokali, reġjonali u nazzjonali	15
4	Kif tista' ttella' l-attività tiegħek?	15
4	Materjali promozzjonali u għodod	17
5	Fajls lesti għall-użu u mudelli li jistgħu jiġu editjati	17
6	Identità viżwali: Logo	17
7	Identità viżwali: Sitt viżwali ewlenin	18
8	Identità viżwali: Firma tal-email immarkata	19
9	Identità viżwali: Banners tas-sit web	20
10	Gwida dwar l-Aċċessibilità	20
10	Posts tal-midja soċjali	21
11	Skopri aktar dwar l-EYW2026	30
12		
14		



Dwar dan is-sett ta' għodod

Dan is-sett ta' għodod itikl-informazzjoni u l-materjali essenzjali għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026 (EYW2026). Huwa jipprovdi narrattiva ċara, messaġġi importanti, gwida Prattika u għodod lesti biex jintużaw għall-attivitajiet fuq livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE.

Kif tużaha?

Dan id-dokument huwa referenza Prattika li tista' tikkonsulta biex:

- Tifhem in-narrattiva u t-ton tal-EYW2026
- Issib messaġġi importanti li jistgħu jiġu adattati għal stadji differenti tal-kampanja
- Tipprepara u tissottometti l-attività tiegħek għall-mappa uffiċjali online
- Tippromwovi attivitajiet fuq il-midja soċjali u permezz ta' networks lokali
- Tapplika l-identità viżiva tal-EYW2026
- Taċċessa mudelli, eżempji u testi qosra diġà lesti

Kull taqsima hija awtonoma sabiex tkun tista' timxi direttament għal dak li teħtieġ.

Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026: Dak kollox li għandek tkun taf!

X'inh i l-Ġimgħa Ewropea taż- Żgħażaġħ?

Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ hija fejn iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex isawru l-futur tal-Ewropa.

L-EYW2026 hija avveniment biennali korganizzat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew li tiċċelebra l-involviment taż-żgħażaġh u ċ-ċittadinanza attiva. Din tenfasizza r-rwol taż-żgħażaġh fit-tiswir tal-politika, tippromwovi d-djalogu ma' min jieħu d-deċiżjonijiet u turi l-proġetti tagħhom. Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ tittella' kull sentejn, talterna mal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew.

Lest għall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ li jmiss fl-2026?

L-EYW2026 se sseħħ mill-Ġimgħa l-24 ta' April sal-Ġimgħa l-1 ta' Mejju 2026. L-attivitajiet u l-avvenimenti li se jseħħu qabel u wara dawn id-dati jistgħu jiġu identifikati wkoll bħala «EYW2026» sakemm huma jibqgħu fl-ispiritu u bl-oġettivi tal-EYW2026.

L-għanijiet tal- Ġimgħa Ewropea taż- Żgħażaġħ 2026

Hemm ħames objettivi ewlenin għall-EYW2026:

- Iżżid il-viżibilità tal-UE fost iż-żgħażaġh u li l-UE tinġieb aktar qrib lejn iż-żgħażaġh.
- Thegġegħ parteċipazzjoni taż-żgħażaġh sinifikattiva, involviment ċiviku u appoġġ għall-valuri tal-UE.
- Turi l-kisbiet fil-qasam taż-żgħażaġh.
- Tigbed l-attenzjoni għall-prijoritajiet taħt il-politika dwar iż-żgħażaġh tal-UE kif ukoll il-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea.
- Jiżdied l-għarfien taż-żgħażaġh u l-partijiet interessati żgħażaġh dwar l-oportunitajiet offruti mill-UE billi jintwerew prattiki tajbin, eżempji u stejjer ta' suċċess taħt il-programmi tal-UE taż-żgħażaġh (Erasmus+, inkluż DiscoverEUR, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) u programmi tal-UE oħrajn.

It-tema, is-slogan u l-pilastri tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026:

It-tema tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026 tiffoka fuq **is-solidarjetà u l-ekwità**, u tirrifletti l-prijoritajiet li ż-żgħażaġh iqajmu kontinwament u l-isfidi li jsawru l-futur tagħhom, mill-benessri sal-ispejjeż tal-ħajja għad-djar, l-impjieg, l-inklużjoni, l-ekwità interġenerazzjonali, id-disparitajiet reġjonali u l-kriżi tal-klima. Dan it-tħassib se jkun il-bażi tal-konverżazzjonijiet u l-attivitajiet tal-edizzjoni tal-2026.

Is-slogan «**Kulħadd favur il-Bidla**» jirrifletti l-ispirtu tal-Ġimgħa: impenn kondiviż miż-żgħażaġh u l-UE biex tittieħed azzjoni fuq dak li jgħodd, għal xulxin, u għax-xogħol li jkompli lil hinn mill-Ġimgħa nnifisha. Tliet messaġġi ewlenin imexxu n-narrattiva tal-Ġimgħa: hawn għall-kwistjonijiet li jgħoddu, hawn għaż-żgħażaġh u hawn għar-rinfurzar ta' dak li diġà nben. L-EYW2026 hija kemm mument ta' viżibiltà kif ukoll parti minn ċiklu itwal ta' involviment, konnessjoni u azzjoni kondiviża.

L-attivitajiet u l-messaġġi għandhom jirriflettu l-erba' pilastri:

- **Parteċipazzjoni attiva** tenfasizza kif iż-żgħażaġh jiffurmaw is-soċjetà permezz ta' attivitajiet, skambji u inizjattivi kreattivi jew tal-komunità.
- **Fiduċja u trasparenza** jenfassizaw il-ftuħ, l-aċċess u l-impenn tal-UE li tisma' u taġixxi fuq il-perspettivi taż-żgħażaġh.
- **Momentum** jippożizzjona l-Ġimgħa bħala avveniment regolari u bħala bieb għal involviment kontinwu u opportunitajiet futuri.
- **Appartenenza** issaħħaħ li l-Ġimgħa hija lokali, inklużiva u aċċessibbli għal kulħadd u turi li kulħadd għandu rwol f'Ewropa ġusta u ta' appoġġ.

Fost il-komunikazzjoni kollha, uża s-slogan «**Kulħadd favur il-Bidla**» il-ħin kollu flimkien ma' **#EUYouthWeek**.

Prattikament, l-EYW2026 hija fejn iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet jiltaqqu fuq termini ugwali, jindirizzaw il-kwistjonijiet li jiffurmaw ħajjithom, u jkomplu jibnu Ewropa aktar ekwa u aktar ta' appoġġ.

L-organizzaturi tal- Ġimgħa Ewropea taż- Żgħażaġħ 2026

L-EYW2026 hija organizzata mill-Kummissjoni Ewropea (id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura) f'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew. Hawnha attivitajiet fuq livell nazzjonali huma organizzati minn Aġenziji Nazzjonali għal Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà flimkien man-network Eurodesk. L-EYW2026 hija miftuħa għal kulħadd! Iż-żgħażaġh, il-partijiet interessati li jaħdmu maż-żgħażaġh, id-Direttorati Ġenerali, istituzzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh inkluż daww f'żoni remoti, huma mħeġġa jospitaw attivitajiet matul il-ġimgħa u jimmarkawhom bħala parti mill-attivitajiet tal-EYW2026.

X'qed tistenna? Aqsam il-passjoni tiegħek, fassal inizjattivi ta' ispirazzjoni u organizza attivitajiet interattivi li jagħmlu dil-ġimgħa waħda li ma tintesiex. Jekk il-kontribuzzjoni tiegħek hija workshops, avvenimenti, proġetti jew diskussjonijiet, int tista' tinspira, tinteraġixxi u tħeġġeġ liż-żgħażaġh madwar l-Ewropa. Ejja ningħaqdu flimkien biex niċċelebraw il-kisbiet u l-enerġija taż-żgħażaġh Ewropej!

Min hija l-udjenza fil-mira għall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026?

L-udjenza primarja: iż-żgħażaġh!

Min huma dawn:

Grupp divers fost il-pajjiżi assoċjati ta' EU27 u Erasmus+ ¹, fl-età ta' 16 sa 35 sena, inkluż studenti, trainees, impjegati, intraprendituri u dawk li qed ifittxu impjieg bi sfondi kulturali, soċjoekonomiċi u ġeografiċi varji (inkluż żoni rurali u remoti).

Xi jħeġġiġhom:

Xewqa għal bidla soċjali, opportunitajiet ta' taġlim, kreattività, tkabbir personali u konnessjoni mal-pari u l-komunitajiet madwar l-Ewropa.

X'inhuma l-isfidi li huma jaffaċċjaw:

Limiti bħal diffikultajiet ekonomiċi, mobilità limitata, diżabilitajiet, jew inqas opportunitajiet lokali. Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ għandha l-għan li tnaqqas dawn il-limiti billi toffri attivitajiet inklużivi u aċċessibbli.

Kif jaġixxu:

Iż-żgħażaġh huma attiva ħafna online; huma jsegwu aġġornamenti permezz tal-midja soċjali u pjattaformi diġitali. Huma jipparteċipaw bi ħġarhom fil-ħajja demokratika u jikkontribwixxu għal diskussjonijiet li jiffurmaw il-futur tal-Ewropa.

L-udjenza sekondarja: il-partijiet interessanti rilevanti

Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ tistrieħ fuq network wiesa' ta' partijiet interessati li jimplifikaw il-parteċipazzjoni, jestendu r-riċerka u jiżguraw li l-vuċijiet taż-żgħażaġh jinstemgħu madwar l-Ewropa. Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh (NGOs, assoċjazzjonijiet, klabbs, fundazzjonijiet) jimmobilizzaw liż-żgħażaġh u jmexxu attivitajiet lokali, jgħaqqdu azzjonijiet tal-komunità ma' sforz Ewropew aktar wiesa'.

Persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh (edukaturi, għalliema, konsulenti) jappoġġjaw parteċipazzjoni sinifikanti u jiżguraw li ż-żgħażaġh bi ħtiġijiet differenti jkunu jistgħu jieħdu sehem.

Direttorati Ġenerali u Istituzzjonijiet Ewropej (Rappreżentazzjonijiet, Delegazzjonijiet, Ċentri Diretti tal-Ewropa) jipprovdi għarfien espert, viżibiltà u djalogu dwar il-politika, isaħħu l-konnessjonijiet bejn l-Ewropa u ċ-ċittadini żgħażaġh tagħha.

Rappreżentanti governattivi fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali jbiddu l-prioritajiet taż-żgħażaġh f'azzjoni politika konkreta.

Istituzzjonijiet edukattivi joffru ambjenti fdati li jħeġġu lill-istudenti jieħdu sehem f'attivitajiet u jinvolvu ruħhom mal-aġenda taż-żgħażaġh Ewropej.

Midja u influencers ikabbru l-outreach billi jqajmu kuxjenza u jinspiraw il-parteċipazzjoni fost spazji online u offline.

Flimkien, dawn il-partijiet interessati jħeġġu l-parteċipazzjoni, il-viżibiltà u l-impatt fit-tul u b'hekk jgħinu lill-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ issaħħaħ u tgħaqqad liż-żgħażaġh madwar l-Ewropa.

X'inhom r-rwol tal-partijiet interessati?

Il-partijiet interessati jservu bħala multiplikaturi b'saħħithom. Dawn għandhom rwol kritiku fl-amplifikazzjoni tal-impatt u l-firxa tal-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali. Li l-partijiet interessati jsaħħu n-networks, l-għarfien espert u r-riżorsi tagħhom dawn jgħinu biex jestendu l-firxa tal-inizjattivi tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ, jinvolve udjenza usa', u jiżguraw li jinstemgħu u jiġu vvalorizzati l-vuċijiet taż-żgħażaġh. Il-parteċipazzjoni attiva tagħhom tbiddel lill-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ minn ġimgħa ta' avvenimenti għal moviment sostnut għat-tiżi u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. Dawn il-partijiet interessati jaġixxu bħala katalista għall-bidla, il-konnessjoni tal-komunitajiet, it-trawwim tad-dialogu u t-tiżi taż-żgħażaġh Ewropej li għandhom rwol attiv fl-iffurmar tas-soċjetajiet tagħhom u l-futur tal-Ewropa.

Messaġġi ewlenin: kif tikkomunika dwar l-EYW2026?

Il-komunikazzjoni kollha għall-EYW2026 hija mibnija madwar qafas ta' messaġġjar ċar: **L-EYW2026** **hija fejn iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex isawru l-futur tal-Ewropa.** L-outreach għandu jinbena fuq din l-idea, u jiżgura ċarezza, koeżjoni u li jkun jista' jiġi rikonoxxut fost il-pajjiżi.

Fażijiet tal-kampanji u stadji ewlenin

L-EYW2026 se sseħħ mill-24 ta' April sal-1 ta' Mejju 2026, b'attivitajiet organizzati fil-pajjiżi parteċipanti kollha.

Il-partijiet interessati jistgħu jippreparaw u jippromwovu l-attivitajiet tagħhom madwar tliet fażijiet ewlenin. Waqt il-fażijiet kollha, it-ton għandu jibqa' uman, ta' appoġġ, inklużiv, u li ż-żgħażaġh jistgħu jirrelataw miegħu u prattiku fit-tmexxija tal-involviment tagħhom.

Qabel dik il-Ġimgħa

Tiġi żviluppata l-kuxjenza, titħeġġeġ il-parteċipazzjoni, u tingħata l-għajnuna liż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet jirreġistraw l-attivitajiet tagħhom.

Waqt il-Ġimgħa

Jintwerew l-attivitajiet, jitħeġġeġ l-involviment, u jiġu enfasizzati l-vuċijiet u l-esperjenzi taż-żgħażaġh.

Wara dik il-Ġimgħa

Jiġu kondiviżi r-riżultati, jitkomplew il-konverżazzjonijiet u jiġu appoġġati l-azzjonijiet ta' segwitu biex jinżamm il-momentum.

Il-qafas ta' komunikazzjoni nbena madwar erba' pilastri li jittraduċu t-tema komprensiv f'messaġġi ċari u aċċessibbli. Dawn l-erba' pilastri deskritti hawn fuq f'dan id-dokument taħt «Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ tal-2026: tema, slogan u pilastri» huma: Il-parteċipazzjoni attiva, il-Fiduċja u t-trasparenza, il-Momentum u l-Appartenenza.

Dawn il-pilastri jmxu l-komunikazzjoni qabel, waqt u wara l-Ġimgħa, joffru struttura flessibbli li l-partijiet interessati jistgħu jadattaw għall-kuntest tagħhom filwaqt li jżommu l-messaġġ ewleni konsistenti: L-EYW2026 hija spazju kondiviż fejn iż-żgħażaġh iħossuhom li huma jingħataw attenzjoni, li qegħdin jinstemgħu u li jiġu mħeġġa li jiffurmaw il-futur tal-Ewropa.

Messaġġjar tal-Kampanja skont il-Fażi

Din it-taqsimha tipprovdi messaġġi li jistgħu jiġu adattati sabiex jintużaw mill-partijiet interessati qabel, waqt u wara l-EYW2026. L-eżempji jirriflettu n-narrattiva aġġornata, l-identità «**Kulħadd favur il-Bidla**» u l-erba' pilastri. Il-messaġġi jistgħu jintużaw kif inhuma jew jiġu adattati għal kuntesti lokali.

Pilastri rilevanti	Skop	Messaġġi suġġeriti	CTA
Parteċipazzjoni ta' qabel l-EYW, Fiduċja, Appartenenza.	L-iżvilupp tal-kuxjenza, it-tneġġiġ tal-parteċipazzjoni, tingħata l-għajnuna lill-organizzazzjonijiet jirreġistraw l-attivitajiet tagħhom u jinbeda momentum bikri.	«Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ tal-2026 se ssir. Esplora x'se jiġri madwarek u involvi ruġhek.» «Hu sehem fl-EYW2026 bil-mod tiegħek: ipparteċipa f'attività jew oħloq waħda int stess u żiedha fil-mappa.» «Skopri suġġetti li huma ta' importanza għaż-żgħażaġh madwar l-Ewropa, mill-benessri u l-ekwità klimatika għad-djar u l-ħajja diġitali.» «Issieħeb f'workshops, dibattiti, sessjonijiet kreattivi jew azzjonijiet tal-komunità fiż-żona tiegħek.» «Skopri opportunitajiet biex tikber personalment, soċjalment u professjonalment waqt l-EYW2026.» «Iltaqa' ma' organizzazzjonijiet u timijiet lesti biex jappoġġaw l-ideat u l-ambizzjonijiet tiegħek» «Irreġistra l-attività tiegħek u għin fit-tiswir tal-EYW2026 fil-komunità tiegħek.»	«Tella' l-attività tiegħek fil-mappa.» «Żomm id-data u segwi l-aġġornamenti.» «Nizzzilha fil-kalendarju tiegħek għall-EYW2026» «Stieden ħbieb u gruppi lokali biex jinvolvu ruġhom fil-EYW2026.» «Xerred il-kelma! L-EYW2026 se tasal»

Pilastru relevanti	Skop	Messaġġi suġġeriti	CTA
Waqgħ I-EYW: Parteċipazzjoni, Fiduċja, Appartenenza.	Enfasizza l-attivitajiet, ħeġġeġ l-attendanza u l-involvement, u amplifika l-vuċijiet taż-żgħażaġh u l-esperjenza f'ħin reali.	«L-EYW2026 waslet! Ipparteċipa f'diskussjonijiet, workshops u attivitajiet viċin tiegħek jew online!» «Segwi aġġornamenti, skopri attivitajiet ġodda u ara x'inhu jiġri f'reġjuni oħrajn.» «Ikkondividi l-ideat tiegħek, staqsi mistoqsijiet u hu sehem f'konverżazzjonijiet dwar il-futur tal-Ewropa.» «Iltaq' ma' żgħażaġh, organizzazzjonijiet u għalliema li qed jittrattaw kwistjonijiet li huma ta' importanza fil-komunita tiegħek.» «Segwi aġġornamenti f'ħin dirett u skopri x'inhu jiġri madwar l-Ewropa llum.» «Żomm il-momentum, hemm xi ħaġa għal kulħadd il-ġimgħa kollha.»	«Ipparteċipa f'attività EYW2026 illum.» «Ikkondividi l-istorja EYW tiegħek billi tuża #EUYouthWeek.» «Iltaq' ma' oħrajn fl-avveniment lokali tiegħek.»
Wara l-EYW: Il-Momentum, il-Fiduċja, l-Appartenenza.	Żomm il-momentum, ikkondividi r-riżultati, u appoġġja involvement kontinwu ma' programmi tal-UE u inizjattivi lokali.	«Grazzi talli ngħaqadt fl-EYW2026! Il-parteċipazzjoni tiegħek tgħin fl-iffurmar tal-futur tal-Ewropa.» «Esplora l-opportunitajiet ta' volontarjat, vjaġġar jew ħolqien ta' bidla pożittiva permezz tal-Erasmus+, DiscoverEU jew il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta'.» «Ibqa' żviluppa l-ideat u l-konnessjonijiet li saru matul il-Ġimgħa.» «Aqra u kkondividi l-punti ewlenin mill-attivitajiet madwar l-Ewropa.» «Biddel l-ispirazzjoni mill-Ġimgħa f'azzjoni fit-tul fil-komunita tiegħek.» «Il-vjaġġ ma jintemmx hawn. Żomm il-kuntatt mal-organizzazzjonijiet u n-networks fiż-żona tiegħek.»	«Sib l-opportunita li jmiss biex tinvolvi ruħek.» «Ikkondividi l-punti ewlenin, l-opinjonijiet tiegħek u l-lezzjonijiet li tgħallimt.» «Ingħaqad ma' organizzazzjonijiet lokali jew offri inizjattivi.»

Fejn se tidher l-EYW 2026?

L-informazzjoni kollha dwar l-EYW2026 hija disponibbli [fuq il-paġni web tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ](#). Int tista' ttella' l-attività tiegħek fuq [il-mappa tal-attività](#) għal viżibilita' usa' madwar l-Ewropa. Se ssir ukoll kampanja fuq il-kanali tal-midja soċjali taż-żgħażaġh tal-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet interessati fl-istati membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Erasmus+ huma mħeġġa

jippromwovu l-ġimgħa u l-attivitajiet tagħha fuq il-kanali tagħhom, jikkomunikaw mal-istampa u jinfurmaw lis-sħab rilevanti biex ixerrdu l-messaġġ tal-EYW2026. Il-materjal f'konformita' mal-linji gwida tal-EYW2026 jista' jinstab fit-taqsimiet li jmiss tas-sett ta' għodod.

Kif tista' tinvolvi ruġhek?

Il-partiċipanti b'mod attiv mal-EYW2026 billi turi l-attivitajiet iffokati fuq iż-żgħażaġh. L-EYW tipprovdi pjattaforma biex tiċċelebra u tamplifika d-diversi ilħna taż-żgħażaġh. L-involvement tiegħek jgħinna nagħmlu l-Ġimgħa rilevanti, viżibbli u ta' ispirazzjoni.

X'se jkunu l-formati tal-attività?

L-attivitajiet se jiġu evalwati u approvati mill-Aġenziji Nazzjonali għal Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u min-network tal-Eurodesk. Aħna nħeġġu formati kreattivi u innovattivi. L-attivitajiet għandhom jirriflettu t-tema tas-**solidarjetà u l-ekwità**, joffru mezzi sinifikanti għaż-żgħażaġh biex jiparteċipaw, jesploraw tħassib kondiviż u jinħolqu konnessjonijiet. L-erba' pilastri msemmija hawn fuq taħt «Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026: tema, slogan u pilastri» jipprovdu gwida utli biex tfassal l-attivitajiet tiegħek.

Il-partiċipazzjoni tiegħek tista' tinkludi, iżda mhijiex limitata għal:

- Workshops, diskussjonijiet, dibattiti, jew sessjonijiet ta' mistoqsija u tweġiba
- Attivitajiet kreattivi, kulturali jew artistiċi
- Azzjonijiet tal-komunita, volontarjat, jew kampanji lokali
- Avvenimenti ta' tagħlim immexxija miż-żgħażaġh jew bejn il-pari
- Sessjonijiet ta' informazzjoni dwar opportunitajiet għaż-żgħażaġh (Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, DiscoverEU)
- Djalogi ta' Politika taż-Żgħażaġħ ma' Kummissarji Ewropej
- Attivitajiet online, livestreams, jew avvenimenti diġitali
- Djalogi interġenerazzjonali
- Attivitajiet li jippromwovu l-ekwità, l-inklużjoni, id-diversità jew ir-responsabbiltà ambjentali
- Avvenimenti fuq barra

Jekk għandek idea, żur il-[mappa tal-attività](#) fuq is-sit web tal-EYW2026, u tella' l-proposta tiegħek.

Attivitajiet fuq livelli lokali, reġjonali u nazzjonali

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà flimkien man-network Eurodesk, se jikkoordinaw, jorganizzaw u jippromwovu attivitajiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali madwar l-Ewropa. L-għan primarju tagħhom huwa li jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva ta' individwi żgħażaġh u ta' diversi partijiet interessati żgħażaġh. Dawn l-attivitajiet se jiffokaw fuq l-ekwità u s-solidarjetà.

Kif tista' ttella' l-attività tiegħek?

Żviluppa idea ta' attività relatata mal-islogan: «Kulħadd favur il-Bidla». Il-formati kollha huma aċċettati. Tella' l-attività tiegħek fuq il-mappa tal-attività fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ ladarba tkun lesta. Linji gwida:

- L-attività għandha ssir fi kwalunkwe ħin waqt l-ewwel semestru tal-2026, fl-Ewropa, inkluż pajjiżi tal-Erasmus+
- It-tluġh fuq il-portal huwa miftuħ sa tmiem Lulju tal-2026.
- Uża l-identità viżiva tal-EYW disponibbli hawn (żid il-link). Ikkonsulta l-linji gwida ta' mmarrar fit-taqsimiet hawn taħt. Ippromwovi l-attività tiegħek fuq il-midja soċjali billi tuża l-logo, il-hashtag u s-sit web ewlieni uffiċjali tal-EYW: [is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ](#)
- Jekk meħtieġ, ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali għal Erasmus+ tiegħek u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew l-uffiċċju ta' Eurodesk l-aktar viċin tiegħek għall-ġajjnuna.



Prerekwiżiti: Irid ikollok kont ta' EU Login.

1- Żur is-[sit web tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ](#)

2- Mur fuq is-[sezzjoni](#) Attivitàjiet.

3- Ikklikkja fuq 'Issottometti attività'.

A) Jekk diġà għandek EU Login, daħħal il-password eżistenti tiegħek.

B) Jekk le, int se tintalab toħloq wieħed.

4- Aqra u rrikonoxxi l-istqarrija ta' privatezza.

5- Mur fuq [il-paġna mmaniġġja l-attività](#).

6- Agħżel 'Attività ġdida' u imla t-taqsimiet meħtieġa (Isem tal-attività, data u ħin tal-bidu/it-tmiem, tip/format, organizzaturi, indirizz, età tal-parteċipanti, lingwa, deskrizzjoni, suġġetti u miri taż-żgħażaġh. It-taqsimiet fakultattivi jinkludu (iż-żona tal-ħin, is-sit web, l-email ta' kuntatt, il-link tal-attività, l-informazzjoni tal-prenotazzjoni, l-aċċessibbiltà, u żid immaġni).

7- Issejvja l-attività tiegħek.

Ladarba tkun issottomettejt, l-attività tiegħek se tidher f'wieħed mit-tliet stati: Sottomessa, Approvata jew Irrifjutata.

Materjali promozzjonali u għodod

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ

Fajls lesti għall-użu u mudelli li jistgħu jiġu editjati

Identità viżwali: Logo

Ippromwovi l-involviment tiegħek fil-EYW2026 billi tuża l-logo uffiċjali u l-materjali ta' komunikazzjoni. Niżżel il-logo singolu tal-EYW2026 [hawnhekk](#).

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ
24 ta' April - 1 ta' Mejju 2026

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ
24 ta' April - 1 ta' Mejju 2026

Identità viżwali: Sitt viżwali ewlenin

Ippersonalizza l-materjali promozzjonali tiegħek għall-EYW2026 billi tuża s-sitt viżivi ewlenin disponibbli. Verżjonijiet li jistgħu jiġu editjati jistgħu jitniżżlu [hawnhekk](#), u bihom tista' tippersonalizza d-dettalji bħad-data, l-attività, l-isem, l-avveniment, it-titlu u l-post. Żomm il-konsistenza tal-immarkar billi tinkludi l-logo tal-EYW2026, tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-Erasmus+ flimkien mal-islogan uffiċjali «**Kulħadd favur il-Bidla**» u t-tagline.

Qabel il-Ġimgħa

Waqt l-avveniment

Qabel l-avveniment



Identità viżwali: Firma tal-email immarkata

Żied l-għarfien dwar l-EYW billi żżid firma tal-email immarkata. Żewġ opzjonijiet ta' banner huma disponibbli biex jitniżżlu [hawnhekk](#). Sempliciement mur fuq is-settings tal-firma tal-email tiegħek, oħloq firma ġdida, ippejstja l-banner magħżul u ppersonalizza d-dettalji.



Identità viżwali: Mudell uffiċjali ta' PowerPoint

Uża l-mudell uffiċjali tal-PowerPoint disponibbli [hawnhekk](#), biex tiżgura stil viżwali konsistenti u professjonali fil-preżentazzjonijiet tiegħek. Issostitwixxi t-test tal-placeholder bil-kontenut tiegħek stess filwaqt li tippreserva d-disinn tal-islide oriġinali.

Żid il-viżibilità tal-EYW billi tuża l-banners tas-sit web li jistgħu jitniżżlu [hawnhekk](#). Agħżel id-disinn preferut tiegħek u integrah fil-pjattformi tal-web, il-kanali tal-midja soċjali jew il-materjali promozzjonali tiegħek. Dawn il-banners li jiġbdu l-għajn iżidu identità viżiva dinamika u attraenti għall-EYW2026 tiegħek.



Gwida dwar l-Aċċessibilità

Il-komunikazzjoni għall-EYW2026 għandha tkun aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, irrelevanti mill-isfond, il-lingwa jew il-kuntest. Li l-kontenut isir aktar aċċessibbli jżid il-firxa u jsaħħaħ l-ekwità u l-inklużjoni.

Suġġerimenti ta' aċċessibilità prattiċi

- Lingwa: Uża sentenzi sempliċi u diretti u evita idjomi.
- Viżwali: Żgura li l-overlays tat-test jistgħu jinqraw u evita disinji bombastiċi. Agħżel immaġnijiet li jirriflettu r-realtajiet diversi madwar l-Ewropa.
- Test alternattiv: Żid deskrizzjonijiet qosra għal immaġnijiet ippostjati online, inkluż posts tal-midja soċjali.
- Ċarezza: Żgura li l-informazzjoni ewlenija (il-ħin, il-post, ir-reġistrazzjoni) titqiegħed dejjem f'post viżibbli u b'mod konsistenti.

Posts tal-midja soċjali

Uża l-potenzjal kollu tal-EYW2026 billi tuża l-posts diġà lesti tagħna tal-midja soċjali. Adatta l-kontenut iddisinjat minn qabel għall-kanali tiegħek biex tgħin fl-amplifikazzjoni tas-solidarjetà u l-ekwità. Feggeġ lis-segwaċi tiegħek jingħaqdu mal-konverżazzjoni, jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, u jkunu parti mill-EYW2026.

Ftakar biex titteggja l-kontijiet uffiċjali tal-EYW2026 fil-posts kollha tiegħek!

Facebook: [@European Youth](#)

X: [@EuropeanYouthEU](#)

Instagram: [@european_youth_eu](#)

Hashtags uffiċjali: #EUYouthWeek

Ikklikkja fuq il-buttuna 'Niżżeġ l-assi kollha hawn' biex taċċessa l-posts tal-midja soċjali diġà lesti. Int tista' tippersonalizza d-dettalji bħad-data, l-isem tal-attività, it-titlu tal-avveniment u l-post.

- Inkludi l-logos uffiċjali tal-EYW2026, tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-Erasmus+ flimkien mal-islogan «**Kulħadd favur il-Bidla**» u t-tagline fuq il-viżwali kollha.
- Uża l-ittri kapitali għall-aċċessibilità.
- Uża l-hashtag fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali kollha.
- Żomm il-hashtag fi tmiem il-post biex il-messaġġi jkunu nodfa u jkunu jistgħu jinqraw.
- Evita milli żżid varjazzjonijiet jew toħloq verżjonijiet ġodda tal-islogan «**Kulħadd favur il-Bidla**».

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
Qabel l-EYW	Għarfien, stedina, reġistrazzjoni	 Kont taf li ġejja l-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ? Esplora attivitajiet dwar il-benessri, id-djar, l-ekwità klimatika u aktar. Sib attività li l-aktar li tinteressak fuq il-mappa tagħna. #EUYouthWeek	Parteċipazzjoni
		 Ingħaqad f'workshop, dibattitu jew sessjoni kreattiva fil-komunità tiegħek u aqsam l-ideat tiegħek. https://youth.europa.eu/youthweek_mt  Int tista' wkoll iżżid l-attività tiegħek fil-mappa u tgħin fl-iffurmar tal-Ġimgħa ta' fejn tgħix: https://youth.europa.eu/youthweek_mt Għaliex il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ tal-2026 hija l-ġimgħa TIEGĦEK! #EUYouthWeek	
		 M'intix waħdek. Mill-ewwel mistoqsija tiegħek sal-pass li jmiss, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet u s-sħab qegħdin hawnhekk biex jgħinuk.  Saqsihom dak li trid. Tgħallem kollox. #EUYouthWeek https://youth.europa.eu/youthweek_mt  Ħafna informazzjoni u ma fhimtx ħafna? Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ se tagħtik risposti ċari dwar #ErasmusPlus, il-#EuropeanSolidarityCorps, u #DiscoverEU.	Fiduċja
		 Ikseb l-informazzjoni li teħtieġ u tkellem man-nies wara l-programmi. Opportunitajiet reali. Nies reali. #EUYouthWeek https://youth.europa.eu/youthweek_mt	
		 Hemm aktar appoġġ viċin tiegħek milli taħseb int - u dan jibda bi klikk. Mill-mentoraġġ sal-mobilità, aħna qegħdin hawn biex ngħinuk issib opportunitajiet u tiskopri modi ġodda kif tinvolvi ruħek: https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
		💖 L-Ewropa hija aktar minn post: hija komunità li int tagħmel parti minnha. Ingħaqad f'attività llum u interaġixxi ma' oħrajn li b'halek iridu jagħmlu differenza. 💪🌍 L-iffurmar tal-futur jibda billi int tkun taf li tappartjeni fih. #EUYouthWeek	Appartenenza
		📌 Irrelevanti minn fejn int: villaġġ żgħir, belt kbir jew f'xi post fin-nofs, hemm post għalik fil-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ. Ingħaqad f'attività fir-regġun tiegħek, online jew wiċċ imb wiċċ u kun parti minn xi ħaġa akbar. 🕒 Minn fi h'dan il-komunitajiet tagħna, ejja niffurmaw il-futur tal-Ewropa, flimkien. Ingħaqad magħna: https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	
		🗣️ Laqqa' lil niesek flimkein! 👯 Ħbieb, sħabek tal-klassi, koetanji. Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ hija spazju fejn kulħadd jappartjeni fih, irrelevanti minn fejn int jew kif tasal hawn. 🌟 Agħmel parti minn komunità li tagħtik l-attenzjoni, tivvalorizzak u tisimgħek. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
Waqf I-EYW	Involviment f'lin dirett, parteċipazzjoni, kondivizzjoni	🔥 Il-bidla ma tistennix u lanqas ma għandek tistenna int. Ingħaqad f'attività llum u hu postok fl-iffurmar tal-futur tal-Ewropa, b'azzjoni waħda wara l-oħra. 💪🇪🇺 Kull pass li tagħmel, kull kelma li tgħid, kull darba li tkun preżenti, kollha jgħoddu. 📌 Sib kif tidħol: https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek 💡 Għandek aktar ideat? Mistoqsijiet? Ħeġġa biex tibdel l-affarijiet? Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ hija ċ-ċans tiegħek li titkellem, tinteraġixxi u taħdem ma' nies bħalek. 🌐 Kemm lokali kif ukoll online, din hija l-pjattaforma tiegħek li tiffirma x'se jgħri. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek 📷 Jekk tkun qiegħed titkellem, tirreaġixxi, jew tieħu azzjoni ma' ħaddieħor, urina l-azzjoni tiegħek bħala prova. Ikkondividi r-ritratti tiegħek, l-enerġija tiegħek u l-impatt tiegħek. ✨ Kun hemmhekk. Kun viżibbli. Kun parti mill-moviment. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	Parteċipazzjoni

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
		🔗 Bl-ebda filtri. Waqt il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ int tista' titkellem direttament mat-timijiet tal-programmi li qegħdin jieħdu ħsieb lil #ErasmusPlus li tant tħobb u aktar, u l-organizzazzjoni taż-Żgħażaġħ li int tafda: in-nies wara l-opportunitajiet. 💛 Konverżazzjonijiet reali. Risposti reali. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek 🗨️ Qed taħseb kif l-affarijiet jaħdmu fil-verità? Qiegħed fil-post it-tajjeb. Saqsi mistoqsijiet prattiċi dwar l-iffinanzjar, il-mobilità, il-volontarjat, jew opportunitajiet ta' studju u ikseb risposti ċari li tista' tistrieħ fuqhom.	Fiduċja
		💬 Għaliex il-fiduċja tibda bit-trasparenza. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek 📌 Din il-ġimgħa l-għarfien se jiġi kondiviż b'mod miftuħ u bik fi ħsiebha.	
		Minn sessjonijiet sa konverżazzjonijiet informali, il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ toffri informazzjoni affidabbli li se tgħinek tiegħu l-pass li jmiss b'kunfidenza. ✅ L-ebda tbassir. Iżda għajnuna li tista' tafda. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	



Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
		 Irrelevanti mil- lingwa, l-isfond tiegħek, jew minn fejn int fl-Ewropa, il-vuċi tiegħek tgħodd. Din il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ se niċċelebraw id-diversità taż-żgħażaġh li se jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw futur fejn kulħadd jappartjeni fih.  Stejjer differenti, Ewropa waħda kondiviża. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	Appartenenza
		 Xi tfisser l-appartenenza għalik? Urina. Jekk qiegħed tieħu sehem f'avveniment, tmexxi diskussjoni jew inkella qiegħed preżenti biss, l-istorja tiegħek tgħinna npinġu l-istampa tas-solidarjetà madwar l-Ewropa.  Ittagja lill-komunità tiegħek, lill-belt tiegħek, il-vuċi tiegħek. Dan huwa l-mument li tiġi nnutat. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	
		 Qed tfittex postok fl-Ewropa? Dan jista' jkun aktar viċin milli qed taħseb. Sib attivitajiet viċin tiegħek, fil-lingwa tiegħek, ir-reġjun tiegħek, il-komunità tiegħek - u interaġixxi ma' oħrajn li huma preżenti u li qed jiffurmaw il-futur flimkien. uth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	



Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
Riflessjoni, involvement kontinwu, involvement fit-tul	Riflessjoni, involvement kontinwu, involvement fit-tul	 Il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ ma tintemmx, iżda tevolvi. L-enerġija, l-ideat u l-konnessjonijiet li saru din il-ġimgħa huma biss il-bidu. Ibqa' aġġornat, kompli kkondividi, u aġħmel parti minn dak li jmiss li jseħħ.  Il-vuċi tiegħek hija importanti lil ħin minn din il-ġimgħa. Ejja nkompli nibnu. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek  Qed tħoss l-ispirazzjoni? Issa huwa l-ħin li tiegħu azzjoni. Kemm jekk se tibda proġett, jew se tingħaqad f'inizjattiva lokali, jew sempliċiment se tappoġġja kawża li int temmen fiha, il-pass li jmiss se jagħmel differenza ta' vera.  Il-bidla tibda miċ-ċokon. L-azzjoni tibqa' tkabbarha. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek  Tieqafx issa. Hu dak li tgħallimt miegħek u ibqa' imxi 'l quddiem. Esplora opportunitajiet ġodda: minn Erasmus+ sal-volontarjat, networks taż-żgħażaġh sat-taħriġ u ibqa' attiv fl-iffurmar tal-Ewropa li tixtieq tara.  Il-vjaġġ tiegħek ikompli hawn: https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	Momentum

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
		 Int għamilt konnessjonijiet, issa kompli ibni fuqhom. L-organizzazzjonijiet, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, u l-gruppi li ltqajt magħhom waqt il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ għadhom hawn, lesti li jappoġġjawk fil-pass tiegħek li jmiss.  Dawn mhumie x biss kuntatti. Dawn huma sħab fdati fil-vjaġġ tiegħek. https://youth.europa.eu/youthweek_mt#EUYouthWeek	Fiduċja
		 Mhux ċert dwar x'se jiġri issa? Ibda b'dak li tista' tafda. Kemm jekk huwa volontarjat, jew li tmur barra, jew li tingħaqad fi proġett fil-komunità tiegħek stess, int mintix waħdek Skopri programmi fdati li jiftħu l-bibien. https://youth.europa.eu/youthweek_mt#EUYouthWeek	
		 Il-miri tiegħek ħaqqhom appoġġ li int tista' tistrieħ fuqu. Kun informat dwar programmi li ma jidhrux biss tajbin, iżda li jwasslu opportunitajiet ta' vera biex titgħallem, tikber u tmexxi.  Segwi biex tibqa' tikseb informazzjoni li int tista' tafda: https://youth.europa.eu/youthweek_mt#EUYouthWeek	

Perjodu	Mira	Posts tal-midja soċjali	Pilastru
		💖 L-esperjenza tiegħek hija parti minn xi ħaġa akbar. Ikkondividi l-mument, ir-riflessjonijiet jew it-tagħlimiet favoriti tiegħek mill-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ. Il-vuċi tiegħek tgħodd f'din l-istorja. 📷💬 Kemm jekk hija tbissima, idea, jew perspettiva ġdida, int kont hemm - u dan jgħodd. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	Appartenenza
		👏 Tixtieq iżżomm l-enerġija ħajja? Kun parti mill-moviment. Ingħaqad ma' gruppi lokali taż-żgħażaġh, proġetti ta' volontarjat jew inizjattivi grassroot fejn int tista' tkompli tkun preżenti, tikkondividi l-ideat, u tibni ħbiberiji li jibqgħu. 💖 Dan huwa l-ispazju tiegħek - u int dejjem milqugħ hawnhekk. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	
		🌍 Ewropa li tisma', tinkludi u tappoġġja tibda bina. Kemm jekk qed torganizza avvenimenti, jew tgħin lill-ġirien tiegħek, jew sempliċiment qed titgħallem issemma' leġnek, l-azzjonijiet tiegħek huma parti minn moviment kollettiv għall-appartenenza. 🌱 Ibqa' għaddej. Ibqa' ikber. Aħna qegħdin nibnu dan flimkien. https://youth.europa.eu/youthweek_mt #EUYouthWeek	

Skopri aktar dwar I-EYW2026

Il-Ġimgħa Ewropea
taż-Żgħażaġħ

Dan is-sett ta' għodod huwa disponibbli hawn fil-lingwi uffiċjali tal-UE kollha¹ kif ukoll f'ħames lingwi addizzjonali mill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Erasmus+ (l-Iżlandiż, il-Maċedonjan, in-Norveġiż, is-Serb u t-Tork).

Links utli:

Is-sit web tal-EYW2026: [Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ | Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ](#)

Mappa tal-attività u qasam tal-politika: https://youth.europa.eu/youthweek_mt#eyw-youth-events

Facebook: [EuropeanYouthEU](#)

X: [@EuropeanYouthEU](#)

Instagram: [european_youth_eu](#)

Mailbox: EAC-EUROPEAN-YOUTH-WEEK@ec.europa.eu

¹ Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Frañċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż



II-Ġimgħa Ewropea

taż-Żgħażaġħ

24 ta' April - 1 ta' Mejju 2026

